**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Mejju, 2018**

**Talba Nru: 327/2017PM1**

**London Services Limited**
**(C 3951)**

**Vs**

**Joseph Tabone (ID 145751(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tlieta u disghin ewro erbgha u suttin centezmi (€893.64) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta` attrici u dan in segweitu ghal incident li sehh fit-2 ta' Lulju, 2015 fi Triq il-Qaliet, Marsaskala meta waqt li l-konvenut Joseph Tabone kien qieghed ihott ix-xirja tieghu mill-istabbiliment 'Sparkle Image' fl-imsemmija Triq il-Qaliet, Marsaskala, precizament minn go trolley ghal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBZ564, telaq l-imsemmi trolley li konsegwentement laqat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni OQZ169, illi kienet

ipparkjata, propjeta` tal-istess socjeta` attrici bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru, 2016, u bl-imghax legali b'effett mis-7 ta' Dicembru, 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament ir-rapport mahrug mill-Pulizija Ezekuttiva fir-rigward tal-incident mertu tal-kawza.

Ra r-risposta tal-intimat datata 25 t'Awwissu, 2018 permezz ta' liema l-istess intimat eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal
2. Illi bhala stat ta' fatt, l-esponent bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-incident tat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghaldaqstant ma jistax jinzamm responsabbli ghal kwalsiasi danni li jirrizultaw minn dan l-incident
3. Illi bla hsara ghas-suespost jispetta lir-rikorrenti tressaq prova tal-ammont minnha reklamat.
4. Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat fit-talba huwa altament ezagerat.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Sema' x-xhieda ta' PS624 Keith Mallan, ta' WPC114 Zenia Azzopardi, ta' Mark Brincat moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru, 2017 oltre li ra d-dokument ezebit waqt l-istess seduta senjatament ir-rapport tal-Pulizija (Dok. KM1 a fol. 22 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Johann Triganza, ta' Bernice Camilleri moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018 oltre li ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta (Dok. AZM1 u Dok. JT1).

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata 12 ta' Jannar, 2018 li permezz taghha giet ezebita l-'claim form' relattiva ghall-incident (Dok. BCC1).

Sema' x-xhieda ta' Nathalia Yarkhutikina moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Frar, 2018.

Ra n-nota tal-intimat datata wkoll 8 ta' Frar, 2018 li permezz taghha gie ezebit l-affidavit tieghu stess.

Sema' x-xhieda moghtija mill-intimat u minn Mark Brincat moghtija in kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 t'April, 2018.

Sema' t-trattazzjoni tal-kaz mir-rapprezentanti legali mal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi in vista tar-risposta tal-intimat huwa car li dak li jehtieglu jindaga it-Tribunal huwa jekk effettivament jezistux l-estremi sabiex l-intimat ikun jista' jinsab responsabbli ghall-hsara li fir-rigward taghha qed jintalab il-kumpens ghad-danni u dana kemm fir-rigward tar-responsabilita` ghall-incident u kif ukoll fir-rigward tal-ammont mitlub.

Illi jinghad minnufih illi f'kazijiet bhal dawn l-oneru tal-prova jinkombi kollu fuq min ikun qed iressaq it-talba b'allegazzjoni (li trid tigi kwindi pruvata) li l-intimat ikkawza dannu u huwa konsegwent responsabbli ghar-rizarciment tal-istess. F'dan ir-rigward jinsab diversi drabi deciz li:

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta*

*f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.* (**Giordmaina Medici Frank Et Vs William Rizzo Et** deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April, 2004).

Illi kwindi jinkombi fuq l-attur li jipprova ness kawzali bejn l-att li jwassal ghall-hsara u l-kumpens relattiv li jkun qed jigi mitlub:

*"Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta' haddiehor. (...) Anke jekk kellu jirrizulta li l-konvenut kien negligenti, "mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li* ***dik il-htija*** *kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert " (Kollaz. Vol. XLVI.I.477; sottolinear ta' din il-Qorti).*" (**David Gatt v. Peter Calleja** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju, 2002)

Hekk ukoll jinsab deciz:

*Hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili f'materja ta' danni akwiljani illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (Artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f'min "ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" [Artikolu 1032 (1)]. Hu, pero` sew dottrinalment, sew gurisprudenzjalment, illi* ***biex ikun hemm lok ghad-danni hu imprexxindibilment mehtieg li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza.*** *Hekk jinsab affermat illi "perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato,* ***ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante****" ("Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928)*" (**Adrian Deguara v. Joseph Olivier Ruggier** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 17 t'Ottubru, 2008 – enfazi mizjuda)

Illi fir-rigward ta' responsabilita` huwa car li l-intimat jahti ghall-incident *de quo* u dana in vista ta' dak minnu stess ammess u cioe` illi "*gbidt it-trolley lejja, dawwartu u mort*

*biex nerga' nitla' r-rampa izda minhabba l-fatt li din kienet harira tizloq u wkoll peress li t-trolley li jien bdejt nimmanuvra kien ftit mghobbi dan hadni kemm kemm bil-konsegwenza li bil-handle tal-istess trolley missejt il-bieba tal-passiggier ta' dan il-vann li kien ipparkjat mar-rampa, precizament hdejn il-pum.*" (affidavit tal-intimat a fol. 60 tal-process) Huwa car ukoll mir-ritratti ezebiti mill-istess intimat li l-vann de quo kien jinsab parkeggjat proprju taht ir-rampa li twassal ghad-dahla tal-hanut f'Marsaskala Huwa kwindi car u jinsab d'altronde inkontestat li l-incident sehh proprju meta t-trolley li kien qed imexxi l-intimat harab mill-kontroll tieghu u habat mal-vann. F'dan ir-rigward il-verzjoni tal-istess intimat ma tistax titqies jekk mhux bhala ammissjoni da parti tieghu li huwa jahti ghall-incident li wassal biex it-trolley habat mal-bieba tal-passiggier tal-vann tas-socjeta` attrici.

Illi madanakollu fir-rigward tal-hsara mitluba t-Tribunal ma jistax ma jinnutax diskrepanza serja bejn dak li xehed Mark Brincat, sewwieq tal-vann, u l-hsara li fir-rigward taghha qed jintalab hlas. L-imsemmi Mark Brincat xehed li "*bil-manku tieghu meta waqa' lura meta zzerzaq lura t-trolley laqghat* ***__il-bieba tal-passiggier__*** (…) *jien stajt nara dent li kienet giet ikkawzata fuq il-bieba li semmejt*" (fol. 21 tal-process – enfazi mizjuda). Tali verzjoni tinsab ukoll konfermata mill-claim relattiva ghall-incident u li tinsab ezebita a fol.44 et. seq tal-process. Din il-claim tindika bl-aktar mod car illi l-hsara giet kagunata fil-vann proprju fuq il-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug (passenger side door etc kif jinsab indikat a fol. 45 u 46 tal-process). Tali verzjoni hija fuq kollox konfermata wkoll mir-rapport tal-Pulizija li jindika l-hsara bhala "***__Damages on the Left Hand Side Front Door__***" u "*hsara fuq il-****__bieba ta' quddiem ta'__*** **__(sic)__** ***__naha tal-passigier__*** **__(sic)__**" (fol. 24 tal-process – enfazi mizjuda) filwaqt.

Illi madanakollu huwa car li s-survey report relattiv ghall-incident *de quo* jelenka ghadd ta' hsarat li bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu kompatibbli mas-surreferit. Fil-fatt l-istess surveyor Johann Triganza jixhed dwar kif il-hsara li huwa rriskontra fuq il-vann kienet ikkoncentratat fuq in-naha ta' wara tal-vann tant illi huwa rriskontra hsara fit-tailgait, bumper u fanal ta' wara fost ohrajn. Huwa kompla jixhed ukoll kif il-hsara huwa jqisa

kompatibbli ma’ daqqa minn wara (“*jien assumejt illi kienet vettura li giet minn wara*” fol. 27 tal-process). Huwa minnu li, in kontro-ezami, huwa wiegeb illi tali hsara hija wkoll kompatibbli ma’ daqqa minn trolley pero` huwa certament inverosimili li l-hsara fuq wara giet kagunata mill-incident mertu ta’ dan il-kaz fejn l-istess xhud li ra l-incident u d-dokumenti kollha redati ‘a tempo vergine’ huma kollha univoci fis-sens illi d-daqqa kienet wahda esklussivament laterali fuq il-bieba tax-xellug.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li s-survey sehh fit-22 ta’ Lulju, 2015 u kwindi 20 jum wara li sehh l-incident fit-2 ta’ Lulju, 2015.

Illi stabbilit is-surreferit jifdal sabiex jigi kkunsidrat jekk xi parti mill-ammont mitlub ghandux jigi akkolt tenut kont tal-fatti surreferiti. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-ircevuta Dok. AZM1 ezebita a fol. 32 u s-survey report a fol. 33 tal-process minn fejn jirrizulta li l-hsara li ghaliha qed jintalab kumpens f’din il-kawza kienet tinvolvi s-segwenti aspetti:

Back Door R
Tailgait/Bootlid Badge L
Tail Lamp Assy R
Rear Bumper.

Kjarament ebda wahda minn dawn l-aspetti ma tista’ b’xi tigi inkadrata fil-kuntest tal-incident mertu ta’ din il-kawza kif kjarament deskritt mix-xhud Mark Brincat u kif jirrizulta daqstant iehor kjarament mid-dokumenti redati *a tempo vergine*. Fic-cirkostanti it-Tribunal ma jistax ma jsibx illi s-socjeta` attrici ma rnexxiehiex tissodisfa l-oneru tal-prova imqieghed fuqha skont il-kazistika hawn fuq citata, b’mod partikolari billi ma renxxihiex tipprova ness kawzali bejn il-kumpens rikjest minnha u l-incident li suppost wassal ghal tali hsara. Huwa car li bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma jista’ jigi determinat li l-hsara fuq wara giet ikkawzata mit-trolley migbud mill-intimat multo magis tenut kont tal-fatt li rrizulta car matul dawn il-proceduri li t-trolley laqat biss il-bieba ta’ quddiem tan-naha tal-passiggier u cioe` fuq ix-xellug.

Illi ghaldaqstant mis-surreferit huwa car, a bazi tax-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri, ebda parti mill-hsara reklamata mis-socjeta` attrici ma tista' verosimilment tigi kkunsidrata li giet ikkawzata mill-intimat jew b'responsabilita` tieghu bhala konsegwenza tal-incident tat-tnejn (2) ta' Lulju, 2015.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed filwaqt li jilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat, jichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tar-raba' eccezzjoni, konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-istess kawza jigu sopportati interament mill-istess socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**